MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 471/2008

**Bank of Valletta p.l.c. ( 2833)**

**vs**

**Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri (I.D. Nri 481789(M) u 305874(M)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti nomine ssottomettiet:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb, datati

fit-18 ta' Lulju 2002 u fit-28 ta' Lulju 2003 (Dok. A u B), is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri fis-somma ta' hamsa u tletin elf, mitejn u sitta u hamsin Ewro u hamsa u

disghin centezmu (€35,256.95) ekwivalenti ghall-hmistax-il elf, mija u hamsa. u tletin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm15,138.81) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft Accounts'' ta' Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ''C1 sa C2'', Dok. ''D1 sa D3'', Dok. ''E1 sa E68'') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument ''A'' u ''B'' partikolarment imma mhux esklussivament, billi Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti; (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti soprandikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fit-2 ta' Gunju 2006 u l-kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok ''F'', sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti

ghaliex m'ghandiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija kuntratti fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument ''A'' u ''B'') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Richard u Shalron mizzewgin Cuschieri

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti; (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti soprandikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf, mitejn u sitta u hamsin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€35,256.95) ekwivalenti ghall-hmistax-il elf, mija u hamsa. u tletin Lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm15,138.81) bilanc ghad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft Accounts'' ta' Richard u Sharlon mizzewgin Cuschieri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ''C1 sa C2'', Dok. ''D1 sa D3'', Dok. ''E1 sa E68'') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-2 ta' Gunju 2006 u tal-mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Rat in-nota ta' ammissjoni ta' Sharlon Cuschieri a fol 97;
Rat li l-intimat Richard Cuschieri debitament notifikat baqa' ma wiegibx;
Fic-cirkostanzi u billi t-talba tar-rikorrenti hija gustifikata;

**Tiddeciedi**

Fuq ammissjoni ta' l-intimata Sharlon Cuschieri u fil-kontumacja ta' Richard Cuschieri;
Bili tilqa t-talbiet tar-rikorrenti;
Bl-ispejjez kontra l-intimati;
U bl-imghax kif mitlub.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------